MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 200/2008/1

**Avviz Numru : 200/2008 CSH**

**Ventur Company Limited**

**vs**

**Peter Montebello**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-22 ta' Frar 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti:-***

*Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' attrici nhar it-13 ta' Mejju 2008 fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' hdax-il elf mija hamsa u sittin ewro*

*(€11,165) ekwivalenti ghal Lm5000 multi li huwa, jew b'negligenza tieghu, kkawza u liema multi gew indirizzati lis-socjeta' attrici wara li huwa baqa' inadempjenti li jaghamel transfer tal-vettura numru KBE 814 minn fuq l-istess socjeta' ghal fuqu.*

*Bl-interessi legali skont il-ligi.*

*Rat ir-risposta tal-konvenut prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Settembru 2008 fejn espona ssegwenti:-*

*1. "Illi l-attur irid qabel xejn jipprova x'interess guridiku ghandu fis-sens li jipprova it-titolarieta' tal-vettura in kwistjoni u dak kollu li jallega, l-esponenti jirriserva li jeccepixxi ulterjorment fuq in-nuqqas ta' interess.*

*2. Illi l-esponenti ma hux responsabbli ghall-allegati ghaliex il-vettura baqghet responsabilita' ta' fuq min hija registrata illi kien responsabbli li jara illi t-transfer isir skont il-ligi fit-termini tal-Ligi ta' sebat ijiem li naqas li jaghmel u fin-nuqqas jiehu procedura skont il-ligi.*

*3. Illi minghajr pregudizzju l-esponent kien talab l-intervent tal-Awtorita' ta' Malta dwar it-Transport u wara li kien interpella lill-attur diversi drabi illi jaghmel it-trasferiment; kien nuqqas tal-attur li jara li jsir it-trasferiment. Jissemma l-attur kien ircieva l-flus u naqas li jaghmel ittrasferiment."*

***James Grima** xehed fil-kapacita' tieghu ta' Direttur u in rappresentanza tas-socjeta' attrici nhar il-21 ta' Novembru 2008. Spjega li s-socjeta' attrici ggib l-ingenji minn barra u wara tbieghhom hawn Malta. Ikkonferma li fil-fatt huwa kien biegh vettura tal-ghamla Mitsubishi RVR lill-konvenut u dan versu l-prezz ta' sitt elef u tliet mitt lira Maltin. Jghid li pero' parti mill-prezz kien ser ikun it-trasferiment ta' vettura Peugeot li kellu l-konvenut. Jghid li llum il-bilanc dovut lilhom mill-konvenut huwa ta' elf mija u hamsa u sittin ewro (€1165). Spjega x'kienet il-procedura li kienet tigi adoperata dak iz-zmien li huwa mporta l-karozza. Jghid li l-vettura kien ikollha tibqa' registrata f'isem l-importatur ghall-perijodu ta' tliet gimghat wara li tkun giet*

*importata. F'dan il-kaz jghid li l-vettura kienet registrata f'ismu, pero' wara huwa kien ottjena r-registration u kien f'posizzjoni li jdawwar il-vettura ghal fuq il-konvenut. Jikkonferma li l-konvenut qatt ma kien iffirmalu fuq wara tad-dokument tat-transfer, qatt ma mar ghandu sabiex jeffettwa t-transfer relattiv. Ikkonferma li kopja tal-karta tal-identita' tieghu ma kellux u din kienet rikjesta sabiex issir ir-registrazzjoni gdida. Jghid ukoll li l-konvenut qatt ma qallu li l-vettura ma kinitx tajba. Qal li nonostante dan kollu, l-konvenut kellu l-pussess ta' din il-vettura, u waqt li kienet f'idejh inhargu hafna citazzjonijiet fuqu. Huwa mbaghad beda jibghat ic-citazzjonijiet id-dar tal-konvenut. Spjega li l-kawza li kien qed jaghmel kienet sabiex jithallas tal-multi li huwa gie kkundannat ihallas peress li l-vettura ghada tghajjat lilu.*

*Nhar id-9 ta' Marzu 2010 rega' xehed u kkonferma li l-konvenut ghad ghandu bilanc xi jhallas. Mistoqsi jekk kienx ta ricevuti lill-konvenut tal-pagamenti li kien ghamel huwa wiegeb fl-affermattiv. Jghid ukoll li kien minnu li kellu negozju mal-konvenut fil-passat dwar vetturi ohra. Qal li dwar il-vettura mertu tal-kawza l-konvenut kien ghad fadallu bilanc xi jhallas. Ikkonferma li huwa kien lest li jaghmel it-transfer tal-vettura pero' l-konvenut ma riedx. Huwa esebixxa ricevuta tal-VAT immarkata bhala Document S, kif ukoll invoice mahruga mis-socjeta' attrici li giet markata bhala Dok S1. Naturalment dawn iz-zewg invoices huma relattivi ghall-vettura mertu tal-kawza.*

*Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2010 jikkonferma li wara l-invoice li kien baghat lill-konvenut dwar il-bilanc dovut fuq il-vettura mertu tal-kawza fl-ammont t'elf mija u sittin lira Maltin huwa kien ircieva pagamenti ohra minghand il-konvenut, izda mhux fir-rigward ta' din il-vettura izda dwar il-bejgh ta' ngenji ohra.*

*Nhar is-26 ta' Ottubru 2010 huwa esebixxa transaction history mahruga mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' l-erba' oggetti li Peter Plant Ltd. (socjeta' tal-konvenut) xtrat minghandu. Dawn jinsabu deskritti fid-dokument a fol. 64 tal-atti processwali.*

***Brian Farrugia** ghan-nom u in rappresentanza tad-Direttur tal-Licenzji xehed nhar il-11 ta' Marzu 2009 u kkonferma li l-vettura tal-ghamla Mitsubishi RVR numru ta' registrazzjoni KBE 814 hija registrata f'isem is-socjeta' attrici u li ilha hekk registrata sa mit-13 ta' Novembru 2001.*

*Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2009 huwa esebixxa lista tac-citazzjonijiet li kien hemm pendenti f'isem John Grima bhala Direttur tas-socjeta' attrici, fuq is-sistema tal-kompjuter taghhom. Stqarr li dawn jammontaw ghas-somma ta' disat elef mija u dsatax-il ewro u hamsa u hamsin centezmu (€9,119.55) u dawn il-multi gew moghtija mit-Tribunal Lokali. Qal li dawk ic-citazzjonijiet li ghadhom pendenti ma jidhrux fuq is-sistema taghhom. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok Z.*

*Qal li fis-26 ta' Marzu 2006 kienu rcevew ittra minghand is-socjeta' attrici fejn kienu gew infurmati li s-socjeta' attrici kienet bieghet il-vettura lill-konvenut. Kien qalilhom li l-konvenut kien ghad fadallu jhallas xi bilanc u li huwa kien qed jircievi bosta tickets meta l-vettura kienet diga' fil-pussess tal-konvenut. Huma kienu kitbu lill-konvenut sabiex jiffinalizza l-proceduri u isir it-transfer, pero' minhabba l-bdil li kien hemm fl-Avviz Legali 476 tas-sena 2004 l-obbligu li jaghmel dan jaqa' fuq ir-registered owner.*

*Huma ghalhekk kienu nfurmaw lill-Kumissarju tal-Pulizija sabiex jiehu passi fil-konfront tal-kontendenti.*

*Fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru 2010 jghid li fil-file relattiv tal-vettura in kwistjoni mizmum l-ADT hemm ittra legali mibghuta lill-konvenut minn Dr. Angelo Farrugia ghan-nom tas-socjeta' attrici fejn kien qed jinterpella lill-konvenut sabiex jersaq u jghamel it-transfer relattiv. Din l-ittra kienet datata sena 2007. Qal li l-licenzja tal-vettura skadiet u kien hemm diversi citazzjonijiet mahruga fuqha u sal-ahhar ta' Settembru 2010 dawn kienu jammontaw ghall-ghaxart elef, hames mija u erbghin ewro u hamsin centezmu u l-ammont ta' licenzji mhux imhalsa b'lura kienu jammontaw ghal elf erbgha mija u erbgha u hamsin ewro u sebgha u hamsin centezmu. Ikkonferma li sa*

*dakinhar li xehed l-ammont dovut fuq ic-citazzjonijiet mhux imhallsa kien ta' tnax-il elf sebgha mija u disgha ewro u sebgha u hamsin centezmu. Naturalment huma jafu lis-socjeta' attrici bhala r- registered owner tal-vettura. Ikkonferma li s-Sur West, Direttur tal-ADT kien anke sahansitra kiteb lill-konvenut.*

*Il-konvenut* ***Peter Montebello*** *xehed nhar is-6 ta' Ottubru 2009 u kkonferma li l-file tal-vettura RVR numru ta' registrazzjoni KBE 814 ma kienx fuqu. Ikkonferma li l-vettura baqghet fil-pussess tieghu ghall-perijodu ta' bejn erba' jew hames snin.*

*Huwa rega xehed nhar l-14 ta' Jannar 2010 u kkonferma li kien xtara diversi karozzi, ngejni w excavators minghand is-socjeta' attrici. Jghid pero' dwar il-vettura mertu tal-kawza, li huwa minnu li kien partatha b'vettura Peugeot li huwa kellu oltre li kien hallsu xi flus. Jghid li kien hallas il-vettura kollha pero' l-attur ma riedx itih ricevuta fiskali u li ghalhekk ma sarx it-transfer relattiv. Qal lil-vettura RVR tinsab ghandu u li qieghda fil-bitha, pero' ma jghamilx uzu minnha. Jghid li l-membri tal-ADT jghidulu li r-registered owner irid imur ihallas il-multi. Ikkonferma li anke mal-Ispettur kien iltaqa'. Jghid li ghalkemm il-vettura tinsab fil-pussess tieghu, ilu ma juzha snin.*

*L-****Ispettur Joseph Hersey*** *xehed nhar il-5 ta' Novembru 2009 u kkonferma li l-konvenut kien mar ikellmu u qallu li kien xtara vettura minghand is-socjeta' attrici u li ma ridux jaghmlulu t-transfer tal-vettura. Huwa kien baghat ghar-rappresentant tas-socjeta' attrici w dan kien ikkonfermalu li verament kienu bieghu vettura lill-konvenut u li ma ridux jaghmlu transfer ghaliex kien hemm problema. Huwa kien qalilhom li kellhom imorru l-Qorti Civili sabiex jissetiljaw il-pendenzi ta' bejniethom. Qal li s-Sur Grima kien qallu li kien ser jaqla' l-pjanci tal-vettura, u huwa kien idderigieh fis-sens li qallu li ma setax jaghmel hekk u li kellu jiftah kawza civili. Ikkonferma li l-kwistjoni tal-hlas tac-citazzjonijiet b'lura ssemmiet ukoll waqt il-laqa' li kellu maghhom. Jghid li l-konvenut kien ikkonfermalu li vera kien hemm xi hlas ta' xi citazzjonijiet li kellu jaghmel, pero' ma setax jaghmel hekk ghaliex ma kienx sar it-transfer.*

*Jghid li pero' l-konvenut qatt ma qallu li ma kellux il-vettura f'idejh.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta l-konvenut nhar id-29 ta' Dicembru 2010.*

*Semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jitratta u dan fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2011.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti, u dawn ma jidhrux li huma kontestati bejn il-kontendenti. Is-socjeta' attrici bieghet vettura tal-ghamla Mitsubishi RVR lill-konvenut u l-konvenut ha l-pusess taghha. Jirrizulta pero' li t-transfer relattiv fuq din il-vettura ma sarx u li ghalhekk ghada tghajjat lis-socjeta' attrici. Jirrizulta pero' bla tlaqliq, li kemm damet f'idejn il-konvenut inhargu diversi citazzjonijiet fuq il-vettura in kwistjoni u l-konvenut ma hallashomx. Illi skont l-ahhar xhieda moghtija minn Brian Farrugia, li ma gietx kontestata mill-konvenut, l-ammont kien tela' ghal tnax-il elf, sebgha mija u disgha ewro u sebgha u hamsin centesmu. Illi l-konvenut fin-nota tieghu ma jinnegax li l-vettura hi fil-pussess tieghu, ghalkemm jghid li huwa m'ghandux ihallas l-ammont ta' flus dovuti fuq il-hlas ta' citazzjonijiet, u dan ghaliex l-attur messu l-ewwel insista li l-konvenut jersaq ghat-transfer, u la m'hemmx inadempjenza kontrattwali allura l-konvenut mhux responsabbli ghal dan in-nuqqas. Huwa jsostni li s-socjeta' attrici bhala registered owner tibqa' responsabbli ghal kull ma jigri bil-vettura li hija registrata fuqha. Naturalment is-socjeta' attrici ma taqbilx u tghid li f'azzjoni bbazata fuq danni aquiliani jrid jigi ppruvat in-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-danni sofferti mis-socjeta' attrici.*

*Hu principju tal-Ligi li l-kolpa tal-inadempiment hi prezunta. Dan a sensu tal-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 831 tal-Ordinanza VII tal-1868 (illum l-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16) "jistabbilixxi principju generali applikabbli ghal kull xorta ta' obbligazzjonijiet u jaghti azzjoni ta' danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh";*

*B' mod generali wkoll id-danni jikkonfiguraw ruhhom fit-telf li l-kreditur ikun bata u l-qligh li jkun gie mtellef (Artikolu 1153). Naturalment, eliminat il-fatt ta' l-ghemil doluz, "id-debitur hu obbligat biss ghal dawk id-danni li basar jew li wiehed seta' jobsor fiz-zmien ta' l-obbligazzjoni." (Artikolu 1136);*

*Huwa veru li kif sostna l-avukat difensur tal-konvenut ir-responsabbilita' ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi - (i) dik maghrufa bhala responsabilita' contrattuale u (ii) dik maghrufa bhala responsabilita' extra contrattuale jew aquiliana. Dawn iz-zewg tipi ta' responsabilita' ghad-danni ghandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom - (i) l-oneru tal-prova; (ii) l-effetti guridici; u (iii) it-terminu entro liema l-azzjoni ghad-danni, naxxenti mit-tip ta' responsabilita' specifika, ghandha tigi istitwita.*

*Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni naxxenti mir-responsabilita' contrattuale, l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront tal-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai irrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.*

*Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni naxxenti mir-responsabilita' extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert.*

*Ir-responsabilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti.* ***Torrente*** *jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabilita' extra contrattuale.*

*Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg sitwazzjonijiet hija proprju l-ezistenza o meno tar-rabta obbligatorja antecedenti ghall-att jew ommissjoni li ta lok ghad-dannu li l-attur jallega li gie lilu kkawzat.*

*Il-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, l-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni preezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad, id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabilita' testendi ruhha b'mod li dwarha m'hemmx grad.*

*L-ezistenza o meno ta' din ir-rabta obbligatorja, oltre li tiddetermina n-natura ta' l-azzjoni ghad-danni, tiddetermina wkoll it-terminu entro liema din l-istess azzjoni ghandha tigi istitwita.*

*B'referenza ghad-danni kagunati minn kwazi delitt –* ***culpa aquiliana*** *- issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Novembru 1984 fl-ismijiet* ***Piju Bezzina Vs Indri Galea*** *fejn jinghad li:-*

*"Biex tirnexxi azzjoni ghad-danni kkawzati f'kwazi-delitt mhux bizzejjed li l-attur jipprova li sofra xi hsara fil-proprjeta' tieghu imma jehtieg li jipprova wkoll li din il-hsara gejja mill-agir ta' l-attur jew li tal-inqas ikkontribwixxa ghaliha."*

*Issa f'din il-kawza gie ppruvat li l-vettura Mitsubishi RVR KBE 814 kienet tinsab fil-pussess tal-konvenut, u dan wara li kien xtara l-istess minghand is-socjeta' attrici. M'hemmx dubju li l-vettura ghadha registrata f'isem is-socjeta' attrici u ghalhekk legalment hija ghadha responsabbli ghal dak kollu li jikkoncerna lilha bhal hlas ta' licenzji u multi. Brian Farrugia xehed li ghall- ADT id-*

*debitur tac-citazzjonijiet hija s-socjeta' attrici u r-relazzjoni li ghandu l-konvenut hija wahda purament mas-socjeta' attrici u mhux versu l-ADT, fejn ghandu jsir il-hlas relattiv tac-citazzjonijiet. Illi jirrizulta li c-citazzjonijiet hadhom il-konvenut u li ghalhekk id-danni li qed issofri s-socjeta' attrici f'dan ir-rigward irid jirrispondi ghalihom il-konvenut. Is-socjeta' attrici rnexxielha tipprova li hemm nexus bejn il-pussess u uzu tal-vettura Mitsubishi RVR mill-konvenut u l-hlas konsegwenzjali tad-danni li qed issofri l-istess socjeta' attrici, bil-hlas tac-citazzjonijiet li qed jaqla' l-konvenut. Naturament qabel ma s-socjeta' attrici thallas dawn il-multi, hija ma tistax tiddisponi mill-vettura, u ghalhekk id-danni li qed issofri s-socjeta' attrici qeghdin dejjem jikbru.*

*Illi mix-xhieda ta' Brian Farrugia jirrizulta li bhala dejn fuq il-vettura llum hemm aktar minn tnax-il elf, sebgha mija u disgha ewro u sebgha u hamsin centesmu, u li l-konvenut irid jaghmel tajjeb ghalihom.*

*Jinghad dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li l-attur irid qabel xejn jipprova x'interess guridiku ghandu, fis-sens li jipprova t-titolarita' tal-vettura 'n kwistjoni. Jirrizulta li l-attur ghandu nteress fl-istituzzjoni ta' dawn il-proceduri, u dan sabiex jirkupra parti mid-danni li huwa qed isofri sakemm jibqa' fil-pussess tal-vettura li hija registrata fuqu, u sakemm jibqa' jircievi citazzjonijiet. M'hemmx dubju li ghalhekk interess guridiku l-attur ghandu sabiex jistitwixxi din il-kawza, u ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda.*

*Dwar it-tieni eccezzjoni jinghad li huwa minnu li ma sarx it-transfer relatttiv, pero' dan ma jezimix lill-konvenut mir-responsabilita' tieghu li jzomm il-vettura bhala bonus pater familias u jaghmel uzu korrett minnha. Dan il-fatt zgur ma jintitolahx li jsuq bl-addocc u li jircievi citazzjonijiet u ma jhallashomx. Ghalhekk din it-tieni eccezzjoni wkoll qed tigi respinta.*

*Dwar it-tielet eccezzjoni ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li l-konvenut kien talab li jaghmel it-transfer, u lanqas huwa minnu dak li gie allegat li l-attur ircieva xi flus sabiex jaghmel it-transfer.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attrici, b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dak mitlub minnha fir-rikors promotur, u cioe' li jhallasha s-somma ta' hdax-il elf, mija u hamsa u sittin ewro (€11,165).***

***Bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promoter lill-konvenut, u bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut."***

Rat ir-rikors tal-appell ta' Peter Montebello datat 8 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

Rat li dan l-appell  kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` appellata Ventur Company Limited datata 9 ta' Marzu 2011 a fol 9 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewgt istanzi  kontra l-appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 22 ta' Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) li l-azzjoni ta' danni kif proposta ma tistax tirnexxi ghaliex ma kien hemm ebda obbligu da parte tal-appellant li jirregistra t-transfer tal-vettura u dan huwa invece impost fuq is-socjeta' appellata skond l-**Avviz Legali 476 tal-2004;** (b) l-appellant ma kkawza l-ebda danni ghaliex l-appellant ma kkawza l-ebda danni lis-socjeta' appellata; (c) l-Ewwel Qorti injorat kull responsabbilta' tas-socjeta' attrici ghaliex hija kellha tirregistra l-vettura taghha skond l-**artikolu 29** tal-imsemmi avviz u la darba dan ma sarx mela allura l-istess socjeta' attrici tibqa' responsabbli ghall-istess vettura mal-Awtoritajiet.

Illi din il-Qorti thoss li l-ebda aggravju ma jista` jigi milqugh u dan peress li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti stabbiliet sew il-parametri tal-kawza odjerna u ghamlet apprezzament sew tal-fatti tal-kaz, minn fejn jirrizulta mill-provi prodotti li l-appellant kien fil-pussess tal-vettura in kwistjoni li kien qed isuq minghajr ma l-istess kienet registrata fuq ismu, minkejja li huwa akkwista l-istess minghand is-socjeta' attrici, u waqt li din kienet fil-pussess tieghu, u kawza wkoll tal-agir tieghu li rrizultaw f'diversi kontravenzjonijiet kif jidher indikat minn Dok. "Z" (fol. 24 sa fol. 31), akkumulaw ammont sostanzjali ta' multi, in konnessjoni mal-uzu tal-istess vettura da parte tal-appellant, li huwa ammess li kien fil-pussess taghha fil-perjodu kollu li huma datati numri kbir ta' multi li l-istess appellant akkumula fil-perjodu bejn it-23 ta' April 2002 sad-data meta saret il-kawza u fil-verita' anke wara l-prezentata tal-istess tant li l-ahhar multa hija datata 9 ta' Dicembru 2008.

Illi dan iwassal sabiex jigi ritenut, li ghalkemm mal-Awtoritajiet hija s-socjeta' attrici li trid thallas il-multi ghaliex il-karozza hija registratra fuq isimha, izda dan sehh minhabba agir tal-istess appellant li inkorra l-istess kontravenzjonijiet minhabba l-agir tieghu waqt li huwa kien fil-pussess tal-istess vettura, u allura hemm in-ness ta' kazwalita' bejn l-agir tal-appellant u d-danni sofferti mis-socjeta' attrici, u ma hemm l-ebda dubju li fil-konfront tas-socjeta' attrici, huwa l-appellant li jrid ihallas id-danni – fil-

fatt tali multi jridu jigu mhallsa qabel ma jsir it-transfer lill-appellant, u dan irid isir mis-socjeta' attrici, u tali multi hargu proprju minhabba l-agir traskuragni negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parte tal-istess konvenut appellant, u l-Qorti thoss li assulutament ma hemm l-ebda bazi li dan l-appell ghandhu xi forma ta' fondament.

Illi dak li fil-verita' kkawza d-danni huwa l-agir illegali tal-konvenut li bil-mod li agixxa, huwa qala' multa fuq ohra fuq l-istess karozza konsistentament ghall perjodu ta' l-fuq minn sitt snin li l-vettura kienet fil-pussess tieghu, u jidher li dan sar meta l-istess appellant kien konxju tal-fatt li tali multi kienu qed johorgu fuq is-sid registrat tal-karozza, li ma kienx huwa, izda dan bl-ebda mod ma impedih milli fl-ewwel lok izomm il-pussess tal-istess vettura, u milli juza l-istess u adirittura jabbuza mill-istess, b'dan li ma hemm ebda bazi ghaliex l-aggravji tal-appellant jigu milqugha, proprju ghaliex kien l-agir illegali u rresponsabbli tal-appellant li kkawza d-danni lis-socjeta' appellata. B'hekk dan l-appell qed jigi michud ghaliex kompletament bla bazi.

Illi fil-verita' l-principji legali msemmija fid-decizjoni tal-Qorti tal-Ewwel Istanza huma korretti u l-apprezzament tal-provi sar sew u certament li dan ma huwiex il-kaz li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni li ghandha l-istess Qorti fl-apprezzament tal-provi, iktar u iktar meta din il-Qorti thoss, li mill-provi prodotti, l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet raggunti huma sorretti mill-provi u l-kaz jinsab spjegat sew u korrettament fl-istess decizjoni hawn appellata li din il-Qorti qed tikkonferma b'din is-sentenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tas-socjeta' appellata datata 30 ta' Marzu 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak  hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Peter Montebello datat 8 ta' Marzu 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-**

**dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi "Ventur Company Limited vs Peter Montebello" datata 22 ta' Frar 2011 (Avviz Numru 200/08/CSH).**

**Bl-ispejjez kontra l-appellant Peter Montebello.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------